MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Appell Civili Numru. 11/2000/2

**Joseph Muscat**

**vs**

**Josephine armla ta' Michael Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tkun ikkundannata minn din il-Qorti tiżgombra definittivament mil-lok tad-djar bin-numri tnejn u sebgħin (72) u tlieta u sebgħin (73), Sqaq Bieb il-Għajn, Fontana, Għawdex, liema lok tad-djar il-

konvenuta qegħda tokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u dana wara li jiġi ddikjarat illi l-konvenuta m'għandha l-ebda titolu validu fil-liġi fuq il-lok tad-djar hawn fuq imsemmi li qabel kien mikri lill-ommha, Grazia Scerri, illum mejta .

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-erbgħa (4) ta' Frar 2000, bl-inġunzjoni tal-istess konvenuta għas-subizzjoni li għaliha minn issa hija mħarrka .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi :

1. Illi qabel xejn l-attur għandu jipprova t-titolu tiegħu dwar il-fond 72 u 73 Sqaq Bieb il-Għajn, Fontana, Għawdex .

2. Illi l-eċċipjenti flimkien ma ħutha bħala s-suċċessuri tal-ġenituri tagħhom huma intitolati sabiex jissuċċedu fil-kirja wara l-mewt ta' l-istess ġenituri .

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-eċċipjenti għandha l-jedd li tibqa' tokkupa dan il-fond u tissuċċedi fil-kera stante li fl-epoka tal-mewt ta' ommha l-istess fond kien ir-residenza tagħha .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Rat is-sentenza tagħha tat-8 ta' Mejju 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri tat-13 ta' Settembru 2007, fejn il-kawża ġiet rimessa lil din il-Qorti biex tiddeċidi dwar it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta.

Rat il-verbal tagħha tas-27 ta' Marzu 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' żgumbrament li qed jagħmel l-attur kontra l-konvenuta, peress illi jikkontendi illi hija qed tokkupa l-fond indikat fl-Avviż mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Il-kawża ġiet rimessa lil din il-Qorti mill-Qorti ta' l-Appell biex tiġi deċiża t-tielet eċċezzjoni dwar il-kwistjoni jekk il-konvenuta tikkwalifikax bħala inkwilina bis-saħħa tal-kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skond l-artikolu 2 ta' din il-liġi, it-terminu "kerrej" fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni, meta m'hemmx armla jew armel, għandu jinkludi lil "***dawk il-membri tal-familja tal-kerrej, li jkunu joqgħodu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu***." Għalhekk sabiex wieħed ikun intitolat għall-protezzjoni tal-kap. 69 taħt dan l-artikolu jrid jissodisfa żewġ rekwiżiti, u ċioe':

1. li jkun membru tal-familja tal-inkwilin preċedenti; u

2. li l-istess membru jkun jabita ma' l-istess inkwilin meta dan imut.

Dwar l-ewwel element intqal illi:

"*Minn dan jirriżulta illi għall-iskop ta' dik id-definizzjoni l-kelma 'familja' ma tistax tiġi estiża fis-sens li tikkomprendi kwalunkwe persuna li tkun tabita mal-inkwilin 'loco parentis', għaliex kieku kien hekk, il-liġi kienet tieqaf fl-element tal-ko-abitazzjoni biss, u mhux tesiġi r-relazzjoni familjari.* (Vol. XLIV. pt. 1. p. 460). *Familja għalhekk għandha tikkomprendi 'dawk kollha konġunti*

*permezz tad-demm u dixxendenti waħda mill-oħra jew minn stipiti komuni'* (Vol. XXXVII. p. 1. p. 568)." [1]

M'hemmx dubbju għalhekk illi l-konvenuta Josephine Camilleri, bħala waħda mill-ulied ta' l-inkwilina preċedenti, tikkwalifika bħala membru tal-familja għall-iskop ta' din id-definizzjoni. Dak li sostna l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, fis-sens illi l-konvenuta ma ppruvatx illi hija wkoll eredi tal-inkwilina, mhux mitlub mil-liġi, u għaldaqstant m'hemm l-ebda ħtieġa ta' din il-prova ulterjuri.

Dwar it-tieni element ingħhad fil-ġurisprudenza illi:

"… b*iex membru tal-familja jista' jitlob b'suċċess il-protezzjoni tal-kapitolu 109 (illum Kapitolu 69) ir-residenza tiegħu mat-tenant ma tridx tkun kawżali jew saltwarja, jew għal sempliċi kumdita' aħjar, jew ta' sempliċi pjaċir, jew ispirata minn dik il-ħtieġa ta' kambjament ta' ambjent li anke tagħmel ġid għas-saħħa u għall-moħħ, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk għall-bżonn mhux l-unika residenza tiegħu, imma dejjem ħaġa imposta minn neċessita'*. " [2] Ġie ribadit ukoll illi "…*In definittiva pero' ebda kriterju wieħed ma hu a priori konklussiv u f'kull każ iridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha*." [3]

Fil-każ in eżami l-konvenuta issostni illi hija flimkien ma' uliedha ilhom jgħixu ma' ommha Grazia Scerri fil-fond in kwistjoni sa mis-sena 1994, hekk kif ġie nieqes żewġha li kien instab mejjet fl-appartament fejn kienu jirrisjedu fil-*Housing Estate* Taċ-Ċawla, billi ma rieditx tibqa' tgħix hemmhekk wara l-esperjenza li ġarrbet.

[1] Qorti ta' l-Appell : Brownrigg Gemma et. vs Camilleri Natasha et. : 20.10.2003
[2] Qorti ta' l-Appell: Micalef et. vs Stanley et.; 16.03.2005
[3] Qorti ta' l-Appell: Saviour Coppini noe. vs Joseph Vella Bonnici noe.: 8.02.1971

Qalet ukoll illi fil-*flat* taċ-Ċawla kien baqgħalha xi mobbli u ħwejjeġ tagħha billi ma kienx hemm spazju biżżejjed għalihom fid-dar ta' ommha. F'dan hija ġiet ikkorroborata minn ħutha, ħlief għal Maria Portelli, li qalet illi l-konvenuta marret toqgħod ma' ommha wara li din kienet daħħlet is-servizz tat-Telecare fl-1996.

Madankollu rriżulta pero' illi l-konvenuta applikat ma' l-Uffiċċju Elettorali biex tibdel l-indirizz tar-residenza tagħha ftit wara li mietet ommha fit-22 ta' Jannar 2000. Ħutha attribwew dan in-nuqqas għat-traskuraġini tagħha. In-notifika ta' dan l-Avviż, kif ukoll dik ta' l-ittri uffiċċjali li ppreċedewh, saru fl-indirizz tal-konvenuta f'taċ-Ċawla. Mad-Dipartiment tal-Customer Services, l-*employer* tagħhha, il-konvenuta kienet għhadha reġistrata fuq l-indirizz taċ-Ċawla, u ċertifikat tal-mard tagħha li ntbagħat lill-istess dipartiment fis-17 ta' Diċembru 1999, kien għadu jġib dak l-indirizz ukoll. Irriżulta wkoll illi l-konsum tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni żdied konsiderevolment mill-ewwel qari li sar immedjatament wara l-mewt ta' l-inkwilina.

L-ebda wieħed minn dawn il-fatturi meħud waħdu ma jista' jkun indikazzjoni suffiċjenti li dak li l-konventa qed tgħid mhux minnu,[4] imma dawn iċ-ċirkostanzi kollha kkunsidrati lkoll flimkien, u tenut kont ukoll illi ma nġiebet ebda xhieda estraneja biex tikkonferma dak li kienu qed jallegaw il-konvenuta u ħutha, iwasslu lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova fi grad ta' probabilita' illi hija kienet tassew qed tirrisjedi ma' ommha fl-epoka tal-mewt tagħha. Anzi kollox jindika illi hija marret tgħix f'din id-dar proprju mal-mewt tagħha.

Fl-aħħar nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha l-konvenuta tipprova tressaq eċċezzjoni oħra

[4] ara Qorti ta' l-Appell : David Galea et. vs Stephen Bonnici : 9.11.2005

għaliex m'għandhiex tiġi milqugħa t-talba attriċi, u dana dwar is-sottomissjoni li l-unika kawżali kif proposta mill-attur hija ġuridikament intavolata ħażin, stante illi "bla titolu jimporta okkupazzjoni ta' proprjeta' li sa mill-bidu nett ma kienitx konsentita…". Imma kif sewwa jgħid l-attur fin-nota responsiva tiegħu għal din in-nota, l-atti ta' din il-kawża. ġew rimessi mill-Qorti ta' l-Appell unikament "biex din tistħarreġ u tiddeċidi t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta appellata u l-mertu tat-talba." [5] u għalhekk f'dan l-istadju tal-proċeduri mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tinvestiga ebda kwistjoni oħra li tista' titqajjem mill-kontendenti.

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta, billi din ma rnexxilhiex tipprova sodisfaċentement illi hija bħala membru tal-familja tal-inkwilina, kienet toqgħod magħha fiż-żmien tal-mewt tagħha, a tenur ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 69, tilqa' t-talba attriċi u għall-fini ta' l-iżgumbrament, tipprefiġġi terminu ta' tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjeż, apparti dawk ġia determinati mill-Qorti ta' l-Appell, għandhom ikunu ssoportati mill-konvenuta.”

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravji f’dawn it-termini:-

(1) L-ewwel Qorti kienet fid-dmir li tassigura illi l-attur ipprova l-kaz tieghu illi l-okkupazzjoni minnha tal-fond kienet wahda “bla titolu”;

(2) L-assjem tal-provi jsostnu t-tezi taghha illi fil-verita` hi kienet tirrisjedi ma’ ommha fil-fond mikri fil-mument tal-mewt taghha;

[5] ara l-aħħar paragrafu tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell a fol. 377 tal-process

Il-motiv dedott mill-appellanti bl-ewwel aggravju taghha hu dirett kontra dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ddeklinat li tinvesti l-argoment minnha sottomess fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet (fol. 381) wara r-rimessjoni lura ta' l-atti minn din il-Qorti skond id-decizjoni taghha tat-13 ta' Settembru, 2007 (fol. 364). Ghall-appellanti dak l-argoment kien ikkoncepit fis-sens illi, guridikament, il-kawza giet malament ifformulata fuq il-bazi ta' "bla titolu" anke ghaliex, in raguni ghall-gurisprudenza minnha citata, l-okkupazzjoni minnha tal-fond kienet inizzjlament legittima. Konsegwentement, l-appellanti ppretendiet in forza ta' dan l-istess argoment illi hi kellha tigi liberata *ab observantia* u l-ewwel Qorti ma tkomplix tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba;

In meritu ghal dan l-aggravju kif impostat l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hi din. Ibda biex l-ghazla tal-kelma "argoment" hi wahda improprja ghal raguni illi dak sottomess mill-appellanti ma kien argoment xejn imma eccezzjoni vera u proprja li l-appellanti ommettiet li tressaq formalment fil-bidu tal-procediment quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, trattasi ta' difiza li dwarha l-ligi procedurali tirrestringi z-zmien ghas-sottomissjoni taghha, l-ewwel Qorti ghamlet sew li ma okkupatx ruhha minnha. Indipendentement minn x'tahseb jew ma tahsebx l-appellanti, certament li eccezzjoni bhal dik kienet rilevanti li titqajjem fil-bidunett tal-procediment u mhux *in extremis* jew ghaliex din il-Qorti inzertat tibghat lura l-process ghall-ezami tal-mertu tat-talba u tat-tielet eccezzjoni ghaliha. Ghalkemm din il-Qorti, fejn setghet, dejjem irrifuggiet mill-formalizmu ezagerat, minn naha l-ohra lanqas ma nkoraggiet permissivizmu ingustifikat u, anzi, ma tarax li hu sewwa illi wara li jkunu nghalqu l-provi u l-iskritturi, parti f'kawza tippretendi bi dritt li tista' tqanqal kull difiza immaginabbli fil-kors tad-dibattitu orali jew bil-miktub biex tipparalizza l-pretensjoni ta' l-attur. Il-Qorti qed tissottolineja dan ghaliex temmen ukoll illi l-kawzi ghandu jkollhom bidu u tmiem xi darba u kawza ma tistax tithalla tipprokrastina ruhha s-snin minghajr prospettazzjoni tad-definizzjoni taghha xi darba;

Maghdud dan, ukoll jekk il-Qorti kellha tikkonsidra 'l hekk imsejjah "argoment", ma tarax kif dak pretiz mill-appellanti jista' jkun guridikament sostenut. Gja bis-sentenza precedenti taghha tat-13 ta' Settembru, 2007 din il-Qorti, b'dissens mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, kienet iddeterminat illi l-konvenuta kienet giet kongedata u li l-kongedo hekk moghti kien wiehed validu. La dan huwa hekk, jinsab accettat bhala *jus receptum* illi min jissokta jokkupa fond wara kongedo ikun qed jokkupa dak il-fond bla titolu. Ara "**Francis Fenech -vs- Joyce Restall *et***", Appell Inferjuri, 29 ta' Marzu, 1982. "Mhux biss il-lokuzzjoni ta' bla titolu validu wara l-kongedo moghti mhix wahda legalment improprja izda lanqas ma tista' c-citazzjoni tigi attakkata b'nullita` tat-talba tendenti ghall-izgumbrament tal-konvenut minn post minhabba dak in-nuqqas ta' titolu (ara **Kollez. Vol. LI P I p 433**)". (Ara "**Vincent Galea -vs- Anthony Robert Pisani**", Appell Inferjuri, 14 ta' Marzu, 2007 u "**Doris Grech -vs- Carmel Mallia**", Appell Inferjuri, 24 ta' Jannar, 2007). Fl-istess sens u direzzjoni hi l-gurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana citata minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha fl-ismijiet "**Licari Estates Ltd *et* -vs- Carmel Vella**", 10 ta' Ottubru, 2005. F'dik il-gurisprudenza jinghad illi "*la figura del precario ovvero del comodato precario (art 1810 codice civile) si caratterizza per la previsione che la scadenza della validita` del vincolo dipende potestivamente dalla volonta del comodante, il quale puo` farla maturare 'ad nutum' mediante richiesta di restituzione del bene. Tale richiesta determina l'immediata cessazione del diritto del comodatario alla disponibilita` e al godimento della cosa, con la conseguenza che una volta sciolto per iniziativa unilaterale del comodante il vincolo contrattuale, il comodatario che rifiuti la restituzione della cosa, viene ad assumere la posizione di detentore 'sine titulo' e quindi abusivo del bene altrui, salvo che dimostri di poterne disporne in base ad altro rapporto diverso dal precario.*" (**Cass. 10 ta' Mejju, 2000, Numru 5987** u **9 ta' Novembru, 1989, Numru 4718**);

Oltre dan ravvizat, hemm imbaghad raguni ohra, forsi wkoll superjuri, il-ghala l-argoment sottomess ma jregix. Trattasi ta' proceduri quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni civili inferjuri, l-attur ma ghandux ghalfejn jippremetti kawzali ghat-talba, u lanqas dikjarazzjoni tat-terminazzjoni ta' xi titolu validu pre-ezistenti. Dan hu sew inferit mid-dispost ta' l-Artikolu 171 tal-Kodici ritwali. F'kull kaz, kif diga osservat, il-premessa tat-talba hi sew impostata fuq l-espressjoni ta' "bla titolu". Ara s-sentenzi agguntivi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Paolina Stagno *et* -vs- Carmelo Mizzi**", 6 ta' Ottubru, 2004 u "**Mary Anderson *et* -vs- Guza Jones *et***", 7 ta' Dicembru, 2005;

Eliminata din il-kwestjoni, il-punt fokali ghall-ezami fil-mertu jibqa` dak jekk tabilhaqq il-konvenuta appellanti kienetx, kif hekk pretiz minnha, tirrisjedi ma' ommha, gja inkwilina tal-fond, fil-mument tal-mewt ta' din. Ezami bhal dan jimporta indagini tal-provi prodotti li jokkorri jsir mill-gudikant fuq il-fatti sostanzjali. Naturalment, ma jistax jonqos li jkun osservat illi kwestjoni tax-xorta hawn ikkontemplata hi wahda ferm delikata, jekk mhux ukoll, ikkumplikata. Dan ghaliex, kif osservat, "minn banda l-wahda l-gudikant irid joqghod attent li ma jippregudikax izzejjed lis-sidien b'konfiska *in aeternum* tal-proprjeta` taghhom. Mill-banda l-ohra ghandu jassikura li l-okkupant 'ma jsibx ruhu f'nofs ta' triq' ("**Victor Gauci -vs- Vincenzo Tabone**', Appell, 14 ta' Dicembru, 1956)." Ara "**Albert W. Salomone *et* -vs- Matthew Degiorgio**", Appell Inferjuri, 10 ta' Jannar, 2007;

Dan premess, il-kwadru li johrog mill-ri-epilogu tal-provi huwa kif gej:-

(1) Il-konvenuta tiddikjara li hi dahlet tabita fil-fond *de quo* fl-1994 wara l-mewt ta' zewgha. Fil-fond kienet toqghod l-inkwilina ommha li eventwalment mietet fit-22 ta' Jannar, 2000. Ara xhieda taghha a fol. 22 u fol. 190. F'dan, il-konvenuta hi korroborata minn hutha Emmanuela

Vella (fol. 164), Giorgina Sacco (fol. 243) u Maria Portelli (fol. 224);

(2) L-istess konvenuta tammetti li biddlet l-indirizz fuq l-Identity Card taghha minn dak tac-Cawla ghal fond lokat ftit granet fuq il-mewt ta' ommha. Ara kopja ta' l-applikazzjoni relattiva a fol. 91. Hi tghid li dan it-tibdil fl-Identity Card m'ghamlitux qabel ghaliex "bejn mard u hekk, lanqas biss ikollok mohh ta' l-Identity Card " (fol. 193). F'dan il-kuntest issemmi l-mard ta' ommha (fol. 207). Ma' dan ohtha Maria Portelli tidher li ma taqbelx ghax skond din ix-xhud ommha "anzi sa l-ahhar gurnata kienet ghadha f'sahhitha" (fol. 225);

(3) Dejjem skond il-konvenuta, il-kera tal-post tac-Cawla, propjeta` tal-Gvern, baqa' jsejjah lilha avolja hi ilha mill-1995 ma thallas kera. Dan ghaliex, fi kliemha stess, "jien gejt naqa' u nqum x'hin jehduh" (fol, 194). Fl-istess waqt, tghid ukoll illi f'dak il-post tac-Cawla halliet hwejjigha (fol. 205) u kienet ukoll tmur fih flimkien ma' ommha biex jahslu l-hwejjeg fih "biex taparsi l-post miftuh" (fol. 195);

(4) In-neputi tal-konvenuta, Josef Cilia, jghid li hu kien joqghod ma' nanntu izda mbaghad fil-11 ta' Mejju, 2001 mar jabita fil-fond lokat lill-konvenuta f'tac-Cawla, u wara li ghamel hekk, il-konvenuta hadet hwejjigha minn dan il-fond. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 143;

(5) Ix-xhieda, rapprezentanti tal-varji entitajiet tal-Gvern jikkonfermaw illi:-

(a) il-flat tac-Cawla ghadu jsejjah lill-konvenuta (ara deposizzjoni ta' George Zammit ghall-Awtorita` tad-Djar, fol. 115);

(b) ghal finijiet tal-konsum tad-dawl u ta' l-ilma l-fond mertu tal-kawza ghadu registrat f'isem il-mejta Grazzja Xerri u li sas-26 ta' Jannar, 2000 kien hemm persuna wahda registrata. Dan kif iddikjarat mix-xhud Mark Formosa rapprezentant tal-Water Services Corporation a fol. 104;

(c) Ix-xhud Moira Borg, rapprezentanti ta' l-Ufficcju ghall-Anzjani, tghid a fol. 132 illi fil-fond *de quo* kien installat is-servizz tat-Telecare fis-7 ta' Marzu, 1996,

eventwalment imnehhi fl-24 ta' Marzu, 2000. L-istess xhud tispjega wkoll illi tali servizz jintuza minn persuni li jghixu wahidhom;

(d) Melchiore Cremona, rapprezentant tad-Direttur tal-Customer Services fil-Ministeru ta' Ghawdex jikkonferma a fol. 136 illi meta fis-17 ta' Jannar 2000 l-konvenuta applikat ghas-*sick leave* din indikat l-indirizz ta' l-appartament tac-Cawla;

(e) Hu wkoll ikkonfermat mix-xhud Mario Tabone (fol. 100) ghal Kummissarju tar-Registru Elettorali illi mill-4 ta' Jannar, 1996 sal-31 ta' Jannar, 2000 il-konvenuta kienet registrata bhala votanta fl-indirizz tac-Cawla. Jidher li kien biss b'effett minn Ottubru 2002 illi l-konvenuta tidher bhala votanta fuq il-fond *de quo*. Ara kopja tar-Registru Elettorali a fol. 90;

Fuq l-ippuntellar ta' dawn il-fatti konsiderati fil-kumpless taghhom hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-versjoni tal-konvenuta li hi kienet tabita ma' ommha fiz-zmien tal-mewt taghha ma tidherx li hi fededenja li tircievi favur u, del resto, il-Qorti mhix lanqas sodisfatta illi tressqu sottomissjonijiet konvincenti li jgeghluha twarrab id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti;

L-indikaturi l-aktar perswasivi li jitnisslu mill-provi hi dik li l-konvenuta ma rnexxilhiex tiddemostra illi r-residenza ordinarja taghha fit-termini tal-konnotati professi fis-sentenzi "**John Agius -vs- Marlene Copperstone *et***", (Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju, 1966) u "**Saviour Coppini *nomine* -vs- Joseph Vella Bonnici *nomine***", Appell Civili, 8 ta' Frar, 1971), u ossija, grad ta' kontinwita u l-mod kif persuna torganizza hajjitha – kienet dik fejn kienet tghix ommha. Jista' jkun li l-konvenuta ma kienx jimportaha kif ghandha tirregola ruhha ma' l-awtoritajiet relattivi ghax skond hutha kienet "traskurata" (ara xhieda ta' Giorgina Sacco, fol. 247) jew "ma kienetx thabbel mohha" (deposizzjoni ta' Maria Portelli, fol. 228). Haga ta' l-iskantament, pero`, kif appena mietet ommha l-konvenuta ma baqghetx hekk negligenti u bdiet tattiva ruhha biex malajr, malajr taqleb l-indirizz ta' l-I.D. taghha,

tnehhi t-Telecare, u ghas-*sick leave* turi li qed tghix fil-fond in ezami. Ara x-xhieda ta' Melchiore Cremona in referenza ghall-applikazzjoni tas-*sick leave* tas-16 ta' April, 2000;

In bazi ghas-sentenzi citati mill-appellanti, uhud minnhom moghtija mill-Imhallef sedenti, din il-Qorti dejjem kienet propensa u minn ta' quddiem illi, fejn misthoqq, tipprotegi lill-okkupant tal-fond fejn ikun jitratta minn kaz genwin li jattira lejh l-beneficcju akkordat mil-ligi specjali (Kapitolu 69). Il-kaz prezenti ma jistax jinghad li hu wiehed minnhom u, anzi, il-Qorti ma tarax li ngiebu provi precizi, konvincenti u konkludenti li jinducuha takkorda lill-appellanti t-tutela minnha vantata ghas-successjoni fil-kirja tal-fond *de quo*.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenuta appellanti. Ghal fini ta' l-izgumbrament tal-konvenuta mill-fond *de quo* l-Qorti qed tipprefiggi t-terminu ta' tliet (3) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------